



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2013
COM(2013) 454 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**PASSI 'L QUDDIEM FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJI NAZZJONALI
GĦALL-INTEGRAZZJONI TAR-ROM**

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**PASSI 'L QUDDIEM FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJI NAZZJONALI
GĦALL-INTEGRAZZJONI TAR-ROM**

1. L-INTRODUZZJONI

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom*¹ tistieden lill-Istati Membri biex jadottaw jew jiżviluppaw iktar approċċ komprensiv għall-integrazzjoni tar-Rom u japprovaw għadd ta' għanijiet komuni. Dawn l-għanijiet ikopru l-erba' pilastru tal-edukazzjoni, l-impjieġ, is-saħħa u l-akkomodazzjoni u għandhom l-għan li jħaffu l-integrazzjoni tar-Rom. Il-Kapijiet tal-Istat jew il-Gvernijiet tal-Istati Membri kollha tal-UE approvaw dan l-approċċ.²

B'reazzjoni għal din l-istedina, l-Istati Membri ppreżentaw strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom. L-istrateġiji nazzjonali varjaw skont id-daqs tal-popolazzjoni tar-Rom u l-isfidi li l-Istati Membri kienu jeħtieġu jindirizzaw³. Il-Kummissjoni Ewropea fl-2012 ivvalutat dawn l-istrateġiji⁴ u kkonkludiet li, sabiex isir progress fir-rigward tal-erba' pilastru, huwa meħtieġ li diversi prekondizzjonijiet strutturali li huma indispensabbli għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġiji jingħataw prijorità, u fosthom, il-ħidma mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili, l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji proporzjonati; il-monitoraġġ u l-awtorizzazzjoni ta' aġġustamenti ta' politiki; il-ġlieda b'mod konvinċenti kontra d-diskriminazzjoni u l-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom.

Din il-komunikazzjoni tiffoka fuq dawn il-prekondizzjonijiet strutturali peress li, għalkemm diġà ttieħdu xi passi fil-livell ta' politiki fl-Istati Membri, b'mod partikolari biex ikunu koordinati aħjar il-partijiet interessati kollha li huma attivi fl-integrazzjoni tar-Rom, il-bidliet effettivi għadhom insuffiċjenti. Barra minn hekk, sabiex jiġu inkoraġġiti sforzi ulterjuri mill-Istati Membri, il-Kummissjoni, permezz ta' din il-komunikazzjoni, timpenja ruħha li tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-istati Membri speċjalment fir-rigward tal-użu ta' tagħhom tal-fondi tal-UE għall-integrazzjoni tar-Rom.

¹ COM(2011) 173 finali, 5.4.2011.

² Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, EUCO 23/11 tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2011, wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Impjieġ, il-Politika Soċjali, is-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO) dwar *Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom fl-2020*, 10665/11, 19.5.2011.

³ F'din il-komunikazzjoni, it-terminu "strateġija" ikopri settijiet integrati ta' miżuri u strateġiji ta' politiki.

⁴ Komunikazzjoni *Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom: l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha* SWD (2012)133 finali.

2. L-IMPLIMENTAZZJONI EFFETTIVA TAL-ISTRATEĠIJI — KRUĊJALI GĦALL-KREDIBILTÀ TAL-IMPENJI POLITIĊI U GĦALL-BIDLA FL-GĦERUQ

Li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji nazzjonali tal-integrazzjoni tar-Rom hija kruċjali. Fil-kuntest ekonomiku kurrenti, huwa essenzjali li jittieħdu miżuri adegwati u jsir użu iktar effiċjenti mir-riżorsi disponibbli sabiex tkun indirizzata l-integrazzjoni soċjoekonomika tar-Rom. Din hija r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni ssegwi mill-qrib il-progress li jkun għamli l-Istati Membri, kemm fil-proċess Ewropa 2020 kif ukoll fil-kuntest speċifiku tal-Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom.

Bħala parti mill-proċess Ewropa 2020, se jkompli l-monitoraġġ mill-qrib tal-inklużjoni tar-Rom u l-koerenza tagħha fil-politiki tal-inklużjoni fuq bażi annwali sal-2020. Sabiex isir progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020 fir-rigward tal-impjeg, l-inklużjoni soċjali u l-edukazzjoni, l-Istati Membri li għandhom popolazzjonijiet Rom ikbar, se jkollhom jindirizzaw l-isfidi tal-inklużjoni tar-Rom enfasizzati fis-Semestru Ewropew tal-2012. F'dawn l-Istati Membri, l-integrazzjoni tal-popolazzjoni tar-Rom mhux biss twassal għal benefiċċji soċjali, iżda anke ekonomiċi.⁵ Fis-Semestru Ewropew tal-2013, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ u tirtir iktar ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti għall-inklużjoni tar-Rom għall-iktar Stati Membri kkonċernati⁶.

Fil-kuntest tal-Qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom, il-Kummissjoni saħħet id-djalogu ma' għadd ta' Stati Membri. Fl-2012 u l-2013, saru laqgħat bilaterali⁷, li laqqgħu flimkien lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u esperti mill-Kummissjoni biex jiddiskutu l-valutazzjoni ddettaljata tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u modi kif tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, twaqqaf netwek tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istati Membri għall-integrazzjoni tar-Rom biex ikunu ffaċilitati l-iskambji multilaterali ta' esperjenza, tagħlim bejn il-pari u kooperazzjoni fost l-Istati Membri⁸.

⁵ F'erba' pajjiżi, l-integrazzjoni sħiħa tar-Rom fis-suq tax-xogħol tista' ġġib benefiċċji ekonomiċi ta' madwar EUR 0.5 biljun u benefiċċji fiskali ta' madwar EUR 175 miljun kull sena. Il-Bank Dinji, *Roma Inclusion: An Economic Opportunity for Bulgaria, the Czech Republic, Romania and Serbia*, Settembru 2010.

⁶ Ibbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni adottata fid-29 ta' Mejju 2013, ħames Stati Membri (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u r-Rumanija) irċiew Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-inklużjoni tar-Rom. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, min-naħa jindirizzaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Inklużjoni tar-Rom (jiżguraw kunsinna effettiva, inkluż permezz ta' koordinazzjoni aħjar bejn il-partijiet ikkonċernati, l-allokkazzjoni ta' fondi, monitoraġġ robust u l-inkorporazzjoni tal-miri tal-inklużjoni tar-Rom fl-oqsma politiki kollha) u min-naħa l-oħra, żviluppi politiki speċifiċi fil-qasam tal-edukazzjoni (speċjalment il-bżonn li jiġi żgurat aċċess effettiv għal edukazzjoni inklussiva ta' kwalità li tibda mill-età ta' qabel l-iskola) u l-impjeg (il-promozzjoni ta' miżuri ta' attivazzjoni u tkun appoġġjata t-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol).

⁷ BG, FR, HU, IT, RO, SK.

⁸ F'dan in-netwek, ġie mwaqqaf grupp ta' ħidma li jirrifletti d-diversità ta' sitwazzjonijiet u esperjenzi dwar ir-Rom fl-UE, sabiex jiddiskuti iktar l-isfidi u s-soluzzjonijiet li jistgħu jaħdmu. Il-kwistjonijiet identifikati daħlu fi proposta għal strument ġuridiku li għandu l-għan li jipprovdi iktar appoġġ u gwida lill-Istati Membri dwar il-promozzjoni tal-inklużjoni tar-Rom, ippreżentata b'mod parallel ma' din il-Komunikazzjoni http://ec.europa.eu/justice/discrimination/files/Rom_nationalcontactpoints_en.pdf

Fl-aħħar nett, sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna jkejlu l-progress dwar l-integrazzjoni tar-Rom, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) waqqfet grupp ta' ħidma ad hoc⁹. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jgħin lill-Istati Membri parteċipanti jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ sabiex jiksbu riżultati affidabbli u komparabbli¹⁰.

Il-Kummissjoni analizzat il-progress li sar fl-2012 fl-implimentazzjoni tal-istrategġi nazzjonali abbażi tal-input tal-Istati Membri, u kontribuzzjonijiet minn esperti u s-soċjetà ċivili¹¹, kif ukoll sejbiet mill-FRA.

2.1 Il-Prekundizzjonijiet Strutturali għal implimentazzjoni effiċjenti

(a) L-involiment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u ħidma mill-qrib mas-soċjetà ċivili

Il-Qafas tal-UE enfasizza l-bżonn ta' djalogu kontinwu bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u mas-soċjetà ċivili tar-Rom fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' strategġi nazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri hađu miżuri f'dan ir-rigward. Madankollu, ħafna drabi kienu meqjusa bħala ineffettivi mill-partijiet interessati f'termini li jippermettulhom jipparteċipaw b'mod attiv fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' strategġi nazzjonali.

(1) L-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

Kif enfasizzat fir-rapport li għamlet il-Kummissjoni fl-2012 dwar il-progress, l-involvement attiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-istadji kollha tal-proċess tal-inklużjoni tar-Rom huwa prekundizzjoni kruċjali għas-suċċess.

L-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali	L-Istati Membri li hađu dawn il-miżuri
Struttura ta' djalogu strutturat	AT, BE, BG, CZ, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LV, NL, RO, SE, SI, SK, UK
Promozzjoni ta' skambju u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali	BE, BG, CZ, DK, FI, FR, HU, IT, SE, ES, SI, UK
Allokazzjoni ta' riżorsi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-awtoritajiet	AT, BE, CZ, DE, DK, EL, FI, FR, IE, IT,

⁹ Għaxar Stati Membri (BG, CZ, ES, FI, FR, IT, HU, RO, SK, UK) se jipparteċipaw f'dan il-grupp ta' ħidma, li jinkludi wkoll esperti mill-Eurofound u mill-Programm għall-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti.

¹⁰ Il-Kroazja diġà bdiet tipprepara biex tingħaqad mal-proċess tal-Qafas tal-UE u qed tipparteċipa b'mod attiv fin-netwerk ta' Punti ta' Kuntatt nazzjonali u fil-grupp ta' ħidma FRA dwar il-monitoraġġ.

¹¹ Inklużi konklużjonijiet enfasizzati matul id-djalogu bejn il-Kummissarji u r-rappreżentati tas-soċjetà ċivili tal-15 ta' Mejju 2013, kif ukoll rapport minn koalizzjonijiet tas-soċjetà ċivili organizzati mis-Segretarjat tal-Fondazzjoni Deċennju tal-Inklużjoni tar-Rom f'ħames Stati Membri (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja) u żewġ pajjiżi tat-tkabbir (l-Albanija, FYROM), rapport min-netwerk ta' esperti indipendenti dwar inklużjoni soċjali (<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1025&langId=en>), ir-rapport mill-Uffiċċju Informazzjoni Ewropew dwar ir-Rom, *Discrimination against Romin the EU in 2012*, ir-rispons bil-miktub mill-Eurocities u l-Eurodiaconia u dokumenti ta' riċerka min-netwerk Akkademiku għal studji dwar ir-Rom. (http://Romnystudies.eu/news/contributions_from_members/).

lokali u reġjonali	PL, RO (ippjanata), SE, SI, SK,
--------------------	---------------------------------

Sena wara jista' jiġi konkluż li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jeħtieġ li jagħmlu sforzi akbar u jinvolvu lill-awtoritajiet lokali aktar mill-qrib u sistematiċament fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ, fl-evalwazzjoni u fir-reviżjoni tal-politika¹². Il-politiki u l-pjanijiet ta' integrazzjoni tar-Rom għandhom jiġu żviluppati bħala parti integrali tal-aġendi nazzjonali u lokali pubbliċi: għandhom jistabbilixxu linja bażi ċara, miri kkwantifikati u miżuri speċifiċi sabiex l-erba' pilastru tal-istrateġija nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom jiġu tradotti f'azzjoni fil-livell lokali. Sabiex jiġu implimentati dawn il-pjanijiet, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom jingħataw riżorsi finanzjarji u umani xierqa. Il-kapaċità tagħhom li jimmaniġġjaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-inklużjoni tar-Rom għandha titjeb.

(2) Ħidma mill-qrib mas-soċjetà ċivili

Ir-rapport li għamlet il-Kummissjoni fl-2012 dwar il-progress innota li l-involvement tas-soċjetà ċivili għandu jmur lil hinn minn sempliċement konsultazzjoni magħha meta jiġu żviluppati strateġiji. Is-soċjetà ċivili jeħtieġ li jkollha rwol attiv fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġiji nazzjonali. Il-bini tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili fl-għerq tagħha fil-livell lokali, b'mod partikolari fost ir-Rom, huwa kruċjali għas-suċċess u s-sostenibbiltà ta' pjanijiet ta' azzjoni lokali integrati.

Ħidma mill-qrib mas-soċjetà ċivili	L-Istati Membri li ħadu t-tali miżuri
Struttura ta' djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali	BE, BG, EE, ES, DK, FI, FR, HU, LV, LT, SE, SI, UK
Inkorajaġġiment tal-involvement attiv tas-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tar-Rom fil-livell lokali	BE (livell reġjonali), BG, CZ, ES, FI, HU, LV, PT, SE, SI,
Appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili	EE, ES, FR, LV, SE, SI

Fit-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali f'hafta Stati Membri, ir-rappreżentazzjoni leġittima tar-Rom u l-involvement tal-organizzazzjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili għadhom insuffiċjenti. **Sabiex ikunu jistgħu jipprovdu kontribuzzjoni utli, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet lokali li jirrappreżentaw lir-Rom, għandu jkollhom il-kapaċità xierqa li jkollhom aċċess aħjar għall-fondi pubbliċi, sabiex jgħinu biex il-fondi jkunu disponibbli b'mod mgħaġġel u iktar effiċjenti għal dawk ikkonċernati direttament, u biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċess tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-integrazzjoni tar-Rom. Ftit Stati Membri biss jipprovdu appoġġ adegwat għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex ikollhom tali rwol. Għalkemm il-**

¹²

Xi Stati Membri għamli sforzi żejda biex jipromwovu n-netwerking internazzjonali tal-awtoritajiet lokali tagħhom, e.ż. il-parteciċipazzjoni fl-Alleanza Ewropea tal-Bliet u r-Reġjuni għall-Inklużjoni tar-Rom. Oħrajn ħatru koordinaturi lokali sabiex jidentifikaw aħjar il-problemi fil-komunitajiet Rom jew biex jikkoordinaw l-istrateġiji fil-livell lokali.

mekkaniżmi huma lesti biex jinkorporaw l-opinjoni tar-Rom, ma jiżgurawx impatt sinifikanti ta' dawn l-opinjoni fuq il-politiki. L-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li mekkaniżmi ta' konsultazzjoni regolari joperaw b'mod effiċjenti u trasparenti u li jkopru l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-istrateġiji. Għandu jiġi inkoraġġit djalogu mad-diversi tipi ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mar-riċerkaturi li jaħdmu fuq l-oqsma kollha rilevanti għall-inklużjoni tar-Rom. Il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili għandha tkun inkoraġġita wkoll meta jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni lokali.

(b) L-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji proporzjonati

Il-Qafas tal-UE jistieden lill-Istati Membri biex jallokaw fondi suffiċjenti mill-baġits nazzjonali għal miżuri tal-inklużjoni tar-Rom, li għandhom ikunu kkumplementati fejn xieraq, mill-fondi tal-UE u mill-fondi internazzjonali; kofinanzjament mill-fondi tal-UE huwa prinċipalment disponibbli mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Ir-rapport li għamlet il-Kummissjoni fl-2012 dwar il-progress, id-dgħufijiet fl-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji li jaqblu mal-impenji politiċi magħmula fl-istrateġiji, baqgħu ostaklu ewlieni għall-implimentazzjoni. B'mod speċifiku, allokkazzjoni baġitarja trasparenti għall-pjanijiet ta' azzjoni hija prekundizzjoni assoluta. Barra minn hekk, għandu jintuża approċċ territorjali li jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi ta' daww l-oqsma l-iktar affettwati mill-faqar jew gruppi ta' mira li għandhom l-ikbar riskju ta' diskriminazzjoni jew esklużjoni.

L-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji proporzjonati	L-Istati Membri li ħadu t-tali miżuri
Approċċ integrat għall-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji	EL, ES, FI, HU, IT, LV, SI, SK,
Approċċ territorjali għall-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji	CZ, EL, ES, HU, IT, PL, SE, SK
Involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili fl-ippjanar tal-użu tal-fondi tal-UE	BE, BG, CZ, ES, FI, IT, RO, SI, SK (passi inizjali)

Għalkemm sar xi progress mir-rapport preċedenti, il-finanzjament tal-istrateġiji nazzjonali għadu mhux adegwat. F'xi Stati Membri, **l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali hija mdewma peress li mill-baġit nazzjonali huma allokati riżorsi insuffiċjenti.**

B'riflessjoni tal-isfidi identifikati fl-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew —, l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa sabiex l-integrazzjoni tar-Rom tiġi inkluża fil-Ftehimiet ta' Sħubija dwar l-Użu tal-Fondi Ewropej

Strutturali u għall-Investment¹³ għall-perjodu 2014–2020 f'proporzjoni mad-daqs u s-sitwazzjoni tal-komunitajiet Rom tagħhom. Il-prijoritajiet politiċi ewlenin għall-inklużjoni tar-Rom kienu enfasizzati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u fid-dokumenti dwar il-pożizzjoni tal-Kummissjoni għan-negożjar ta' ftehimiet ta' Sħubija ma' diversi Stati Membri. L-impenji baġitarji nazzjonali jibqgħu essenzjali biex jiżguraw is-sostenibbiltà ta' miżuri ta' inklużjoni tar-Rom.

Il-Fond Soċjali Ewropew huwa l-istrument finanzjarju ewleni tal-UE għall-investment fl-inklużjoni tar-Rom fl-oqsma tal-impjieg, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali. Il-Fond Ewropew għall-iżvilupp Reġjonali investa fl-akkomodazzjoni bħala parti minn approċċ integrat f'għadd ta' Stati Membri, madankollu, f'ħafna każijiet din il-possibbiltà ta' finanzjament għall-inklużjoni tar-Rom tista' tkun sfruttata aktar. Għal dan l-għan jistgħu jisiltu minn ġbir kollettiv ta' hilit u riżorsi żviluppanti minn koalizzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li għandhom l-għan li jappoġġjaw proġetti fil-livell lokali għall-inklużjoni tar-Rom.

Il-proposti tal-Kummissjoni għall-politika ta' koeżjoni tal-UE fl-2014-2020 jipprovdu l-bażi għal approċċ integrat li jikkombina l-possibbiltajiet ta' finanzjament mill-FEŻR u FSE sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE għall-integrazzjoni tar-Rom. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li jużaw possibbiltajiet ta' appoġġ li jkunu disponibbli fil-politika għall-iżvilupp rurali. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Lejn Investment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni* – ¹⁴ thegħeġ lill-Istati Membri jużaw riżorsi tal-UE għall-investment soċjali matul il-perjodu ta' programmar li jmiss (2014–20). Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li talloka mill-inqas sehem adegwat tal-fondi ta' koeżjoni għall-investment fin-nies, fl-impjieg u fir-riforma tal-politika soċjali permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (ESF)¹⁵. Qed jiġi propost ukoll li mill-inqas 20% ta' dan l-ammont se jiġi allokat għall-inklużjoni soċjali, li tinkludi wkoll l-integrazzjoni tar-Rom. Dan se jiżgura li l-allokkazzjoni kumplessiva ta' finanzjament għall-inklużjoni soċjali se tiżdied u tirrifletti aħjar l-isfidi f'dan il-qasam. L-użu mill-Istati Membri u r-reġjuni tal-prijorità ta' investment speċifiku għdid għall-integrazzjoni ta' komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom fil-Fond Soċjali Ewropew (propost mill-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmar 2014-2020), se jippermetti valutazzjoni aħjar ta' x'jintefaq fuq miżuri għall-integrazzjoni tar-Rom.

(c) Il-monitoraġġ u l-possibbiltà ta' aġġustament ta' politika

Il-Qafas tal-UE jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu metodi tajba ta' monitoraġġ u evalwazzjoni sabiex jiġu vvalutati r-riżultati u l-impatti tal-miżuri tal-inklużjoni tar-Rom u jippermetti aġġustamenti ta' politiċi fejn ikun hemm bżonn. Ir-

¹³ Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (CF), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS).

¹⁴ Komunikazzjoni *Lejn Investment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020*, COM(2013) 83 finali; u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni: 'L-investment fit-tfal: nikstru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ' COM(2013) 778 finali, 20.02.2013.

¹⁵ F'konformità mal-impenn li sar fil-livell Ewropew biex sal-2020, l-għadd ta' persuni li jgħixu fil-faqar jitnaqqas b'20 miljun.

rapport tal-2012 ikkonkluda li l-Istati Membri jeħtieġ li jagħmlu sforzi ikbar f'dan ir-rigward.

Il-monitoraġġ tat-trasformazzjoni u l-possibbiltà ta' aġġustament ta' politika	L-Istati Membri li diġà ħadu dawn il-miżuri
Immappjar tas-sitwazzjoni tar-Rom ('linja bażi') li diġà sar jew li qed isir	CZ, EE, EL, ES, FI, FR, HU, LT, LV, NL, PT, RO, SI, SK
Sistema ta' monitoraġġ li tkejjel ir-riżultati u l-impatti tal-istrateġija nazzjonali	Passi inizjali: BG Qed jiġu żviluppjati: BE, ES, FI, HU, IT, SE
Identifikazzjoni taż-żoni li għandhom l-ifqar komunitajiet Rom	CZ, EE, EL, FR, HU, PL, RO, SK
Involviment tal-partijiet interessati ewlenin kollha fil-proċess tal-immuniġġjar u l-evalwazzjoni	AT, CZ (ippjanati), FI, HU, IT (ippjanati), LT (ippjanati), SE (parzjali), SI, SK (ippjanati)
Kooperazzjoni stabbilita mal-uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika	BG, CZ, EL, ES, FI, HU, IT, LV, RO, SK, UK
Rappurtar u evalwazzjoni regolari ppjanati	BE, BG, CZ, EL, FI, HU, LT, PL, RO, SE, SI, SK

Minkejja l-isforzi ċari fl-aħħar rapport¹⁶ biex jiddaħħal fis-seħħ il-qafas robust ta' monitoraġġ u evalwazzjoni sabiex jipproduċi dejta b'mod sistematiku u konsistenti (mhux li neċessarjament juża l-kriterji etniċi) fuq l-impatt tal-miżuri tal-integrazzjoni tar-Rom, tibqa' sfida għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Kif enfasizzat mill-grupp ta' ħidma dwar il-monitoraġġ imwaqqaf mill-FRA, sistema ta' monitoraġġ għandha tkun kapaċi tipprovdi rispons preċiż lill-gvernijiet f'diversi livelli: min-naħa, dwar il-progress li sar fl-għanijiet tal-istrateġija nazzjonali u **fil-pjanijiet ta' azzjoni lokali**; u min-naħa l-oħra, dwar titjib tas-sitwazzjoni soċjoekonomika tar-Rom u d-drittijiet fundamentali tagħhom meta mqabbla mal-parti l-kbira tal-popolazzjoni (monitoraġġ tad-'distakk').

Hemm bżonn kbir li d-dejta titqabbel b'mod regolari sabiex jiġi evalwat b'mod rigoruż l-impatt reali tal-miżuri meta mqabbel mal-linja bażi. B'mod partikolari għad hemm nuqqas ġenerali tal-indikaturi tal-impatt. Barra minn hekk, f'ħafna każijiet il-limitu safejn il-partijiet ikkonċernati huma involuti fil-monitoraġġ, fl-evalwazzjoni u fir-reviżjoni tal-politika, konformi mal-10 Prinċipji Bażiċi Komuni għall-Inklużjoni tar-Rom¹⁷, mhux ċar. Għandhom jiġu esplorati sinerġiji possibbli mal-indikaturi tal-politika eżistenti tal-UE.

¹⁶ Xi Stati Membri indikaw li użaw sfarriġiet, mikroċensimenti u mmappjar territorjali tal-faqar, eċċ.

¹⁷ L-10 Prinċipji Bażiċi Komuni dwar l-Inklużjoni tar-Rom ġew ippreżentati fl-ewwel laqgħa Pjattforma fl-24 ta' April 2009. Huma ġew annessi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2009. Huma jinkludu: 1) politiki kostruttivi, prammatiċi u mhux diskriminatorji 2) mira espliċita iżda mhux

(d) Niġġieldu d-diskriminazzjoni b'mod konvinċenti

Il-Qafas tal-UE stieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li r-Rom ma jiġux iddiskriminati u li jiġi ggarantit ir-rispett tad-drittijiet umani tagħhom imħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-Rapport li għamlet il-Kummissjoni fl-2012 dwar il-progress iddikkjara li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni¹⁸ hija effettivament infurzata fit-territorji u li jiġġieldu d-diskriminazzjoni b'mod konvinċenti. Ir-rapport jenfasizza wkoll, l-għadd sinifikanti ta' Rom li jgħixu fl-Istati Membri li huma ċittadini minn pajjiżi terzi li qed joqogħdu legalment, li jaffaċċjaw l-istess sfidi bħall-migranti li ġejjin minn barra l-UE. Huma għandhom igawdu l-istess drittijiet bħal dawk mogħtija lill-migranti oħra li mhumiex mill-UE.

Il-miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni	L-Istati Membri li hađu dawn il-miżuri
Infurzar tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-livell lokali	AT, DK, SE
Sensibilizzazzjoni (inkluż fl-amministrazzjonijiet pubbliċi)	AT, BG, CZ, DK, EE, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LV, LT, PT, RO, SI
Iktar sensibilizzazzjoni tad-drittijiet tagħhom fost ir-Rom	AT, FI, LV, SE, SI
Indirizzar ta' diversi forom ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa Rom	RO (passi inizjali)
Ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttar tat-tfal fix-xogħol	CZ, DK, HU, NL

Minkejja l-impenji li hađu l-Istati Membri u l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-Istati Membri kollha, ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom għadhom għaddejnin. Is-segregazzjoni tat-tfal Rom fl-edukazzjoni għadha mifruxa ħafna f'diversi Stati Membri¹⁹. Is-soċjetà ċivili u r-rapporti akkademiċi²⁰ jikkonfermaw

esklussiva 3) approċċ interkulturali 4)għan tal-inklużjoni 5) sensibilizzazzjoni dwar id-dimensjoni tal-ġeneru 6) trasferiment ta' politiki bbażati fuq l-evidenza 7) użu ta' strumenti tal-UE 8) involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali 9) involviment tas-soċjetà ċivili 10) parteċipazzjoni attiva tar-Rom.

¹⁸ F'konformità mal-obbligi tagħhom skont it-Trattati, l-Istati Membri huma meħtieġa jittrasponu fid-dritt nazzjonali d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-ttrattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità u għaldaqstant jimplementaw dawn il-miżuri ta' traspożizzjoni.

¹⁹ B'mod partikolari r-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovakkja.

²⁰ Dan jinkludi: rapport mill-esperti nazzjonali dwar l-inklużjoni soċjali; Uffiċċju Ewropew għall-Infurmazzjoni dwar ir-Rom, *Discrimination against Roma in the EU in 2012, 2013*; is-segretarjat tal-Fondazzjoni Deċennju tal-Inklużjoni tar-Rom b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni għal Soċjetà Miftuħa Making the most of EU Funds for Roma Programmes and Roma Initiatives Office, *Interim Civil Society Reports on the Implementation of National Roma Integration Strategies and Decade Action Plans, 2013*; rapport tal-Amnesty International, *Roma: Demanding Equality and Human Rights*, April 2013; dokumenti ta' riċerka min-netwerk Akkademiku dwar l-istudji dwar ir-Rom(http://Romnystudies.eu/news/contributions_from_members/); kontribuzzjoni bil-miktub mill-membri tal-Eurodiaconia.

diversi eżempji ta' diskriminazzjoni, inkluż inqas aċċess favorevoli għall-
edukazzjoni, is-saħħa, il-protezzjoni tal-pulizija u l-akkomodazzjoni meta mqabbla
mal-maġġoranza tal-popolazzjoni. L-isfidi persistenti tal-integrazzjoni tar-Rom li
huma ċittadini Ewropej fis-soċjetajiet tagħhom, ikomplu jkollhom impatt dirett fuq
relazzjonijiet usa' tal-UE ma' pajjiżi terzi. Pereżempju, xi pajjiżi japplikaw ir-
rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini ta' ċertu Stati Membri minħabba kwistjonijiet relatati
mal-integrazzjoni tar-Rom²¹. Ċittadini Rom minn pajjiżi terzi li jkunu emigraw lejn
l-EU jistgħu jaffaċċjaw l-istess sfidi²².

Mingħajr miżuri sistemiċi għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u r-razziżmu kontra
r-Rom, l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom ma
jistgħux iħallu r-riżultati mistennija. Ħafna Stati Membri jwettqu attivitajiet ta'
sensibilizzazzjoni biex jipromwovu l-inklużjoni tar-Rom²³. **Madankollu, fl-istess
ħin, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħmlu ħafna iktar biex jispjegaw il-
benefiċċji soċjali u ekonomiċi²⁴ tal-inklużjoni tar-Rom għas-soċjetajiet tagħhom
b'mod ġenerali. Sabiex tiħrax il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, jeħtieġ ukoll
li titqajjem kuxjenza fost ir-Rom stess dwar id-drittijiet, l-obbligi u l-
opportunitajiet tagħhom u għandhom jiġu żgurati għodod li jiproteġu u
jinfurzaw id-drittijiet tagħhom bħal pereżempju permezz tal-Korpi għall-
Ugwaljanza. L-Istati Membri għandhom jagħmlu iktar biex jiġġieldu l-
isterjotipar u jindirizzaw ir-razziżmu jew lingwaġġ jew imġiba li jistigmatizzaw
li jistgħu jikkostitwixxu tixwix li jiddiskrimina kontra r-Rom.**

**L-Istati Membri għandhom jagħmlu iktar biex jiġġieldu b'mod effettiv ix-
xogħol tat-tfal, biex jipprojbixxu t-tfal jittallbu, biex jinfurzaw b'mod sħiħ
leġiżlazzjoni dwar żwiġijiet taħt l-età, biex jiġġieldu ż-żwiġijiet sfurzati u biex
jindirizzaw b'mod iktar effettiv it-traffikar tal-bnedmin, inkluż permezz tal-
kooperazzjoni internazzjonali.**

**L-indirizzar b'mod kontinwu u komprensiv tan-nuqqas tar-registratazzjoni tar-
Rom fir-reġistri nazzjonali tal-popolazzjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' dokumenti
ta' identità personali, fejn rilevanti, huwa prekondizzjoni assoluta sabiex ikun
żgurat aċċess ugwali għall-edukazzjoni, is-servizzi pubbliċi, is-sistemi tal-
protezzjoni soċjali, kundizzjonijiet ta' għajxien minimi, akkomodazzjoni u kura
tas-saħħa.**

²¹ Pereżempju, il-Kanada esprimiet tħassib serju wara ż-żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil
imressqa miċ-ċittadini ta' ċerti Stati Membri.

²² Ir-rimarki tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni *Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom:
wieħed mill-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE*, COM(226)2012 finali, 26.5.2012
għandhom validi sal-lum: "is-sitwazzjoni attwali tar-Rom li jgħixu f' kundizzjonijiet foqra fil-pajjiżi tat-
tkabbir kellha konsegwenzi f'dik li hija żieda fin-numru ta' Rom li jemigraw temporanjament lejn l-
Istati Membri tal-UE taħt ir-reġim ħieles mill-viża u anke li japplikaw għall-ażil. Dan jista' jkollu
impatt negattiv fuq il-proċess ta' liberalizzazzjoni tal-viża, li huwa wieħed mill-akbar kisbiet lejn l-
integrazzjoni tal-Balkani tal-Punent fl-UE."

²³ Xi wħud minnhom (AT, BG, ES, FR, LV) jorganizzaw sessjonijiet ta' taħriġ għall-ħaddiema tas-servizz
pubbliku tagħhom (e.ż. l-għalliema, il-pulizija u l-ġudikatura) biex tiġi evitata mġiba diskriminatorja
kontra r-Rom u tittieħed azzjoni kontra l-preġudizzju.

²⁴ Il-Bank Dinji, *Roma Inclusion: An Economic Opportunity for Bulgaria, the Czech Republic, Romania
and Serbia*, Settembru 2010.

(e) Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom

Il-Qafas tal-UE jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Integrazzjoni²⁵ (NCPs) bl-awtorità li jikkoordinaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija. Ir-rapport li għamlet il-Kummissjoni fl-2012 dwar il-progress enfasizza li dawn il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali jkunu jistgħu jikkoordinaw b'mod sħiħ l-inklużjoni tar-Rom fl-oqsma politiċi kollha.

Il-miżuri li jippermettu lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali biex jaħdmu b'mod effiċjenti	L-Istati Membri li għamlu dawn il-miżuri
Koordinazzjoni bejn setturi fil-livell nazzjonali	AT, BE, BG, CZ, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IT, LT, LV, RO, SE, SK
Koordinazzjoni bejn livelli differenti tal-gvern (minn nazzjonali għal lokali)	AT, BE, BG, DK, CZ, EE, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LV, NL, RO, SE, SI, SK
Involvement tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali fl-ippjanar tal-użu tal-fondi tal-UE	BE, BG, CZ, EL, ES, FI, HU, IE, IT, LT, SK

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali kollha jipparteċipaw f'network imwaqqaf f'Ottubru 2012 u jinsabu verament imħassbin dwar l-integrazzjoni tar-Rom. Minkejja l-progress ċar li sar fl-iżvilupp tar-rwol ta' impenn u koordinazzjoni tagħhom, għad fadal x'jitjeb fir-rigward tal-istatus, il-kapaċitajiet, ir-riżorsi, il-mandat u l-appoġġ politiku li jirċievu: **il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għandhom jingħataw riżorsi umani u finanzjarji xierqa, għandu jkollhom l-awtorità u l-kompetenza biex jikkoordinaw proċessi fil-ministeri u fid-diversi livelli tal-gvern u għandhom jiżguraw li l-integrazzjoni tar-Rom hija integrata fil-politiki pubbliċi rilevanti kollha; huma għandhom jikkontribwixxu għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-UE u jkunu involuti fi ppjanar strateġiku għall-użu tal-fondi tal-UE. Huma għandhom jiffaċilitaw ukoll djalogu u skambji bejn il-partijiet interessati kollha u jesploraw sinerġiji ma' kwalunkwe inizjattiva rilevanti²⁶.**

3. IL-PAJJIŻI TAT-TKABBIR

Fl-Istrateġija tat-Tkabbir tal-UE 2012-2013 tagħha, kif ukoll fir-Rapporti iktar iddettalġati dwar il-Progress pajjiż b'pajjiż, il-Kummissjoni tenfasizza li r-Rom jibqgħu partikolarment żvantaġġati fil-Balkani tal-Punent kollu. F'ħafna pajjiżi id-diskriminazzjoni għad trid tiġi indirizzata f'termini ta' aċċess għall-edukazzjoni, l-impjieġ, il-kura soċjali u tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u d-dokumenti personali.

Filwaqt li sar xi progress matul is-snin riċenti, li wassal għal xi titjib inizjali fl-edukazzjoni u s-saħħa, għad hemm bżonn ta' sforzi kontinwi. **Dawn jinkludu l-**

²⁵ http://ec.europa.eu/justice/discrimination/files/Rom_nationalcontactpoints_en.pdf

²⁶ Inizjattivi bħal dawn jinkludu l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar Integrazzjoni, l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju, eċċ.

allokazzjoni ta' riżorsi xierqa għall-implimentazzjoni ta' politiki għall-integrazzjoni tar-Rom. L-isfidi jibqgħu fl-implimentazzjoni effettiva u l-infurzar ta' qafas ġuridiku u istituzzjonali. F'diversi pajjiżi jew ġew adottati strateġiji multiannwali għal titjib fis-sitwazzjoni tar-Rom (il-Montenegro u l-FYROM) jew dawn l-istrateġiji ġew riveduti u mtejba (l-Albanija, il-Bożnja Herzegovina, il-Kosovo u s-Serbja). It-Turkija għadha trid tiżviluppa approċċ sistematiku u komprensiv sabiex trawwem l-integrazzjoni tar-Rom.

Il-pajjiżi tat-tkabbir għandhom ikomplu jieħdu azzjoni dwar il-konklużjonijiet operattivi miftiehma b'mod konġunt mal-Kummissjoni fil-konferenzi nazzjonali tal-2011. Dawn il-konklużjonijiet qed jiġu riveduti kull sena fil-kuntest tad-djalogu dwar il-politika strutturali. Dawn jikkonċernaw ħames kwistjonijiet: ir-reġistrazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għax-xogħol u l-akkomodazzjoni. Fl-2012, il-Kummissjoni żiedet l-isforzi tagħha billi pprovdiet assistenza finanzjarja mmirata għall-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet operattivi f'diversi pajjiżi. Sar użu finanzjarju aħjar tal-Istrument għall-Assistenza għal Qabel l-Adeżjoni (IPA) billi ġew ipprovduti iktar miżuri ta' appoġġ mmirati għall-inklużjoni tar-Rom fis-soċjetà u billi jitjiebu l-istatus u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom u billi tingħata għajjnuna lill-pajjiżi biex jiżviluppaw, jirvedu u jimplimentaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom, kemm taħt programm nazzjonali kif ukoll taħt programm reġjonali. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja politiki u miżuri konkreti mmirati għat-titjib tas-sitwazzjoni tar-Rom inklużi miżuri skont id-Deċennju tal-Inklużjoni tar-Rom²⁷, bħala parti mill-proċessi tal-adeżjoni mal-UE ta' dawn il-pajjiżi.

4. IL-KONKLUŻJONIJIET — IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Mill-valutazzjoni tal-progress li sar fl-Istati Membri matul l-aħħar sena jistgħu jinsiltu żewġ konklużjonijiet ewlenin: xi Stati Membri reġgħu kkunsidraw b'mod sinifikanti jew żviluppaw l-istrateġiji tagħhom f'termini konkreti, b'mod partikolari billi għandhom l-intenzjoni li jorganizzaw djalogu orizzontali u vertikali kif ukoll li jikkoordinaw l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħhom; madankollu, għandhom ma ġewx stabbiliti u għaldaqstant, f'termini reali il-progress għadu bil-mod ħafna.

Sabiex jitħaffef il-progress tal-integrazzjoni tar-Rom mifruq fuq l-erba' pilastru ta' aċċess għall-edukazzjoni, l-impjieġ, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni, il-Kummissjoni qed toffri appoġġ addizzjonali lill-Istati Membri billi:

- (a) tappoġġja l-kisba tal-Istati Membri tal-għanijiet u l-impenji tal-politiki tagħhom
 - tippreżenta b'mod parallel ma' din il-Komunikazzjoni proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-effettività tal-miżuri għall-integrazzjoni tar-Rom. Is-sejbiet tar-rapport li għamlet il-Kummissjoni fl-2012 dwar il-progress²⁸, tal-iskambji ta' livell għoli mas-soċjetà ċivili u r-

²⁷ Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzjoni għall-pożizzjonijiet dwar status, u konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo.

²⁸ Komunikazzjoni *Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom: wieħed mill-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE*, COM(226)2012 finali, 26.5.2012 u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja SWD(2012)133.

rappreżentanti tar-Rom, u ta' dan ir-rapport, wasslu lill-Kummissjoni biex tipproponi lill-Istati Membri li jżidu l-isforz fl-integrazzjoni tar-Rom permezz ta' strument ġuridiku li għandu jiġi adottat mill-Kunsill;

- issegwi skambji bilaterali u multilaterali mal-Punti ta' Kuntatt nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u awtoritajiet nazzjonali oħra involuti fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politiki għall-inklużjoni tar-Rom;
- tirrevedi b'mod ulterjuri l-progress li sar dwar l-integrazzjoni tar-Rom fil-kontest tal-Istrateġija Ewropa 2020, peress li l-integrazzjoni tar-Rom għandha tkun parti mill-isforzi globali tal-Istati Membri biex jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, iżidu l-impjeg, inaqqsu l-għadd ta' student li ma jibqgħux jattendu l-iskola obbligatorja, u jżidu s-suċċess fl-edukazzjoni.
- ittejjeb id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha sal-laqgħa li jmiss tal-Pjattaforma Ewropea għall-Inklużjoni tar-Rom;
- timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza tar-razez fil-prattiki amministrattivi.

(b) tipprovdi appoġġ permezz tal-fondi tal-UE

- tikkompleta r-riżorsi nazzjonali billi tistabbilixxi qafas dwar kif il-fondi tal-UE²⁹ (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)) jistgħu jappoġġjaw l-inklużjoni ta' komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom fl-Istati Membri bejn l-2014 u l-2020. Barra minn hekk, għandu jiġi promoss l-użu ta' riżorsi settorjali privati u terzi sabiex jiżdied l-ingranaġġ fuq l-investment fl-integrazzjoni tar-Rom.
- tipproponi li xi Stati Membri jagħmlu użu mill-prijorità tal-investment "Integrazzjoni ta' komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom"; jew tistabbilixxi għanijiet speċifiċi relatati mal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-aċċess għall-edukazzjoni jew l-inklużjoni soċjali tal-poplu Rom għall-perjodu ta' programmar li jmiss sabiex jiġu riflessi s-sejbiet tas-Semestru Ewropew;
- tipproponi qafas ġdid ta' politika ta' investment soċjali³⁰, abbażi ta' tliet elementi³¹, li jistgħu jikkontribwixxu għall-inklużjoni tar-Rom.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew biex jipparteċipa b'mod attiv fid-dibattitu dwar il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-effettività ta' miżuri għall-integrazzjoni tar-Rom.

²⁹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Elementi għal Qafas Strateġiku Komuni 2014 sa 2020 għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, tal-14.3.2012, SWD(2012) 61 finali, Part II.

³⁰ Komunikazzjoni *Lejn Investment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020*, COM(2013) 83 finali; u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni: 'L-investment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ', COM(2013) 778 finali, 20.2.2013.

³¹ Nagħmlu s-sistemi soċjali aħjar u iktar sostenibbli, l-implimentazzjoni ta' politiki ta' attivazzjoni u abilitazzjoni u l-appoġġ għall-investment soċjali tul il-ħajja.

Il-Kummissjoni se tirrapporta darba fis-sena fir-rebbiegħa – ir-rapport li jmiss se jkun fl-2014 – lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fuq l-erba' pilastri tal-edukazzjoni, l-impjieg, is-saħħa u l-akkomodazzjoni, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, dwar ġbir ta' dejta mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali u ta' kontribuzzjonijiet li jaslu mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Ir-rapporti annwali se jservu ta' parametri ta' referenza għall-isforzi li saru u għall-progress li jkun inkiseb mill-Istati Membri fl-integrazzjoni tar-Rom.

ANNEX

Eżempji ta' azzjonijiet relatati mal-prekundizzjonijiet strutturali għall-implimentazzjoni

Eżempju tal-involviment attiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

Fil-**Ġermanja**, fis-7 ta' Awwissu 2012, il-gvern tal-istat ta' **Berlin** adotta strateġija għall-inklużjoni tar-Rom. Hija titlob li jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni reġjonali għall-inklużjoni tar-Rom. Ġie mwaqqaf grupp ta' tmexxija li jinkludi Dipartimenti Differenti mis-Senat tal-gvern ta' Berlin u awtoritajiet lokali li jitrattaw il-migranti Rom. Is-soċjetà ċivili għenet biex jiġi żviluppat dan il-pjan ta' azzjoni reġjonali³².

Eżempji ta' ħidma mill-qrib mas-soċjetà ċivili

Fi **Franza** ġie mwaqqaf grupp nazzjonali għall-monitoraġġ mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali Rom. Il-grupp ilaqqaq' flimkien assoċjazzjonijiet, rappreżentanti mid-diversi Ministeri involuti, u atturi lokali oħra. Huwa u l-erba' sottogrupperi tematiċi tiegħu ġew imwaqqfa bħala pjattaforma għall-iskambju ta' ħiliet esperti u biex jilhqun kunsens dwar il-miżuri li jmiss li jittieħdu. Il-grupp se jipproponi dawn il-miżuri lill-kumitat tat-tmexxija interministerjali inkarigat mill-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' Franza.

Fil-**Latvja**, f'Ottubru 2012 ġiet immedija sejħa għal proposti mmirata biex taħdem mill-qrib mal-komunità Rom. Iffinanzjata mill-Istat, is-sejħa miftuħa għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lir-Rom, għandha l-għan li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà u tiżgura kooperazzjoni bejniethom u l-awtoritajiet pubbliċi (gvern lokali u partijiet interessati oħra). Il-proġetti magħżula se jinkludu l-organizzazzjoni prattika ta' seminars biex joħorġu b'ideat ta' proġetti ta' kooperazzjoni lokali li jinvolvu lill-partijiet interessati u biex tiġi żviluppata pjattaforma ta' kooperazzjoni bejn min iħaddem u r-Rom.

Eżempji ta' tirdid tal-istrateġiji permezz ta' finanzjament xieraq

Il-Bulgarija waqqfet grupp ta' ħidma interministerjali ddedikat għall-mobilizzazzjoni ta' fondi tal-UE għall-integrazzjoni tar-Rom. Il-grupp huwa ppresedut mill-Ministeru għall-Immaniġġjar tal-Fondi tal-UE u jinkludi ministri assistenti, esperti mill-awtoritajiet maniġerjali u programm operattivi u rappreżentanti ta' NGOs tar-Rom. L-għan tal-grupp huwa li jipproponi strumenti u skemi u li jivverifika l-miżuri ppjanati taħt kull programm operattiv. Se jipprepara anness għall-istrateġija nazzjonali li jistabbilixxi attivitajiet u finanzjament sostenibbli għall-implimentazzjoni tagħhom. Dan l-Anness għadu ma ġiex adottat.

Fl-Ungerija, abbażi ta' sistema ta' indikatur stabbilita bil-liġi nazzjonali, ġew

³²

L-istrateġija ta' Berlin għall-inklużjoni tar-Rom hija disponibbli fl-indirizz <http://www.parlament-berlin.de:8080/starweb/adis/citat/VT/17/DruckSachen/d17-0440.pdf>.

identifikatai l-iktar mikroreġjuni żvantaġġati. Dawn il-mikroreġjuni jsofru problemi ekonomiċi, ta' impjieg u infrastrutturali serji. Sabiex jiġu żviluppati, jintużaw miżuri mmirati li jikkonsistu f'interventi soċjali, miżuri għall-iżvilupp tal-komunità u rurali u servizzi ta' riżorsi umani.

Eżempji ta' sistemi robusti ta' monitoraġġ

Is-sistema ta' monitoraġġ **Ungeriża** se timmira li tkejjel l-impatt soċjali tal-istrateġija nazzjonali u ssegwi l-iżvilupp tal-implimentazzjoni tagħha. L-erba' komponenti bażiċi tas-sistema huma:

1. Sett ta' indikaturi li jkejlu l-bidliet soċjetali allinjati mal-miri stabbiliti fl-istrateġija nazzjonali;
2. Sistema ta' rappurtar regolari mwaqqfa b'kooperazzjoni ma' konsulent internazzjonali estern biex jimmonitorja jekk il-miżuri fil-pjan ta' azzjoni ġewx implimentati;
3. Riċerka;
4. Sistema ta' informazzjoni dwar l-inklużjoni soċjali li tippermetti l-ġbir ta' dejta f'diversi oqsma ta' politiki. L-awtoritajiet lokali se jużawha wkoll biex jiżviluppaw pjanijiet ta' opportunitajiet indaqs.

L-Estonja rrikonoxxiet il-bżonn li tiġi mmappjata iktar is-sitwazzjoni tar-Rom sabiex jiġu ddeterminati l-miżuri xierqa għall-integrazzjoni tar-Rom. Is-sitwazzjoni tar-Rom għaldaqstant qed tiġi vvalutata fi sħarriġ li qed isir bejn l-2012 u l-2013. L-għan huwa li jintużaw is-sejbiet biex jiġu ppjanati l-passi li jmiss tal-istrateġija.

Eżempji tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

Spanja wettqet diversi attivitajiet ta' taħriġ fost il-pulizija. It-taħriġ dwar trattament ugwali u diskriminazzjoni etnika ngħata lil 158 forza tas-sigurtà reġjonali, lokali u nazzjonali matul l-2012.

Fil-**Ġermanja**, l-Istat ta' Schleswig-Holstein fl-2012 iddeċidiet li temenda l-kostituzzjoni tagħha biex tirrikonoxxi lir-Rom u s-Sinti li huma ċittadini Ġermaniżi u li jgħixu hemm bħala minorità etnika.

Fir-**Rumanija**, kull sena qed jiġu allokatu postijiet speċjali fl-iskejjel sekondarji, klassijiet ta' taħriġ vokazzjonali u fl-universitajiet fis-sistema edukattiva pubblika għal studenti Rom. Sa issa bbenefikaw minn din il-forma ta' azzjoni pożittiva madwar 15,000 student Rom.